MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali BIRKIRKARA

IS-SEBA' LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 57 (b'urġenza)

21 ta' Novembru 2016

Il-Kunsilli Lokali BIRKIRKARA ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Tumas Fenech Birkirkara, fis-6 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Joanne Debono Grech – Sindku
Rita Borg– Viċi Sindku
Kaylocke Buhagiar– Kunsillier
Liam Gauci– Kunsillier
Mark George Abdilla – Kunsillier
Anthony Buttigieg– Kunsillier
John Mary (Jimmy) Calleja– Kunsillier
Herbert Conti– Kunsillier
John Mizzi– Kunsillier
Marie Claire Zammit– Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Michael Fenech Adami – Kunsillier

ASSENTI

John Borg - Kunsillier
Dr.Josianne Cardona Gatt – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Neil Spiteri – Segretarju Eżekuttiv

Fil-bidu tal-laqgħa kienu preżenti s-Sindku, is-Sinjura Joanne Debono Grech, il-Vici Sindku s-Sinjura Rita Borg, u l-Kunsilliera, is-Sur Liam Gauci, is-Sur Mark George Abdilla, is-Sur Anthony Buttigieg, is-Sur John Mary (Jimmy) Calleja, is-Sur Herbert Conti, is-Sur John Mizzi, u s-Sur Kaylocke Buhagiar. Dr.Josianne Cardona Gatt u is-Sur John Borg kienu assenti waqt li s-Sur Michael Fenech Adami kien assenti b'apologija.

Min-naħa tal-Kumitat Amministrattiv tas-Swatar, is-Sur Matthew Mangion kien assent.

Min-naħa tal-Kumitat Amministrattiv ta' Fleur De Lys, Dott. Francesca Zarb kienet assenta.

Għal din il-laqgħa ma kienx hawn il-preżenza tal-pubbliku.

## 57.1 Qari ta' l-ittri ta' apologija

56.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-ittra ta' apologija mill-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami li kellu safar fuq konferenza ta' l-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali. Il-Kunsill accetta l-apologija b'mod unanimu.

## 57.2 Gieħ Birkirkara

57.2.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li kien hemm tliet nomini għal Gieħ Birkirkara.

57.2.2 Nomina 1 - L-eks Sindku Dr. George Debattista. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi kif ftehmna s-sena li ghaddiet qed issir rotazzjoni tas-Sindki u din is-sena jmissu Dr. Debattista bħala t-tieni Sindku.

57.2.3 Nomina 2 – Is-Sur Charles Sciberras. Il-Kunsillier is-Sur John Mizzi qara t-tagħrif dwar is-Sur Sciberras u fisser li nnomina lil dan is-sinjur peress li ħadem għal ħafna snin fin-*nursery* tal-futbol b'mod voluntier kemm bħala kowc u kemm bħala membru tal-kumitat. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi hi m'ghandha xejn kontra dan il-persuna personali imma tħoss illi l-klabb tal-futbol mhuwiex qed jgħin lill-Kunsill lanqas sempliciment partecipazzjoni fl-attivitajiet tal-Kunsill. Lanqas meta rbahna t-*trophy* ma telgħet il-Kunsill. Birkirkara FC huwa l-unika għaqda li ma tgħinx lill-Kunsill.

57.2.4 Nomina 3 – Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech ressqet in-nomina ta' Charles and Ron, stilisti li qed jaghmlu isem kbir fix-xena lokali u internazzjonali. Hija qalet li dawn qed jikkollaboraw bis-sħiħ mal-Kunsill.

57.2.5 Wara diskussjoni u deliberazzjoni, il-Kunsill qabel b'mod unanimu illi dawn it-tliet nomini, jigifieri ta' Dr.George Debattista, is-Sur Charles Sciberras u ta' Charles and Ron jintlaqgħu u jingħataw Ġieħ Birkirkara.

57.2.6 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech talbet lill-kunsillier is-Sur John Mizzi sabiex iwassal il-messaġġ lill-klabb tal-futbol illi hemm bżonn ta' aktar koperazzjoni u ssir laqgħa f'dan is-sens.

57.2.7 Kien hemm qbil unanimu illi Profs Briffa jingħata l-Apprezzament peress li għen lill-Kunsill fil-ktieb ta' Karkarizi li għamlu isem. Kien hemm qbil ukoll li jinghata Unur Birkrikara lis-Sur Joe Dimech, preżentatur, is-Sur Neil Scerri u Ms. Margerita Farrugia li qed jiksbu success fl-oqsma tagħhom.

Daħlet fil-Kamra l-Kunsilliera s-Sinjura Marie Claire Zammit li skużat ruħha li daħlet tard imma sabet ħafna traffiku.

**57.3 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fis-6.45pm u ġiet aġġornata għat-12 ta' Diċembru 2016 fis-6pm.

Konfermati, illum 12 ta' Diċembru 2016.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Joanne Debono Grech<br>Sindku | Neil Spiteri<br>Segretarju Eżekuttiv |